MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 13/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs.**

**Robert Pirrone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' dina l-Qorti tal-10 ta' Lulju 2012 - migjuba kontra Robert Pirrone, 30 sena, iben Virgilio u Anna Maria nee Busuttil, imwieled Attard fil-15 ta' Jannar 1980 u joqghod Giovanna, Triq Sant'Antnin, Marsascala, detentur tal-Karta tal-Identita numru 92780(M).

a) Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Mejju 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) u aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 15 ta' Ottubru 2009, fejn kien misjub hati ta' reat u inghata Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena;

c) u aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li semghet ix-xhieda u wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ghalkemm fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2012, id-difiza obbligat ruhha li tezebixxi sentenza b'nota bil-visto tal-kontraparti, ma jirrizultax li din in-nota giet ezebita.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2013, fejn din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li kellha diffikulta sabiex titratta mal-imputat dwar it-tieni imputazzjoni, u cioe l-imputazzjoni 'b', u cioe li kiser Probation Order imposta fuqu minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 t'Ottubru 2009, u ordnat li jigu allegati l-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) v. Roberto Pirrone", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-15 ta' Ottubru 2009 mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani.

Fil-fatt l-atti tal-proceduri ordnati gew annessi u l-kawza giet posposta sabiex l-Ufficjal Prosekutur u d-difiza jkunu jistghu jezaminaw l-istess process u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom jekk ikun il-kaz fir-rigward. Meta regghet issejjet il-kawza, iktar tard fl-istess seduta xehed l-imputat u l-kawza giet differita ghal-provi kollha tal-partijiet u ghat-trattazzjoni limitatament fir-rigward u ghal fini tal-piena.

Wara li semghet il-provi dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

**Htija**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni**

Illi dwar il-piena ghall-ewwel imputazzjoni fil-proceduri odjerni, cioe dik ta’ pussess semplici tad-droga cannabis, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad li hu inqabad *red handed* bid-droga fil-karozza tieghu. L-imputat irregistra wkoll ammissjoni bikrija.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata xejn felici tal-imputat, minnfejn jirrizulta li huwa ghandu sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati, erba’ (4) minnhom ta’ pussess semplici tad-droga eroina u cannabis. Dawn il-Qrati ukoll taw lill-imputat diversi opportunitajiet sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jirriabilita ruhu. Fil-fatt mill-fedina penali aggornata u mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat inghata tlett (3) libertajiet kondizzjonati u Ordni ta’ Probation, liema Ordni ta’ Probation huwa ammetta li kiser f’dawn il-proceduri. Sfortunatament l-hati ma gharafx juzufruwixxi tali opportunita` u din il-Qorti thares b’lenti severa lejn min jibqa’ darba wara l-ohra ma’ jaccettax l-ghajnuna li tigi offerta lilu biex ihalli warajh il-hajja kriminali jew biex jitbieghed minn xi vizzju bhalma hija d-droga.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat meta gie interrogat dwar dan ir-reat qal li kien qed jahdem u ghandu erbat itfal.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2013, l-imputat qal li ilu *clean* aktar minn sentejn – u allura tal-inqas minn Novembru 2011. Pero fl-istqarrija rilaxxata minnu fis-27 ta’ Mejju 2010, huwa qal li l-ahhar darba li abbuza mid-droga cannabis kien fis-sena ta’ qabel, u cioe fl-2009. Ghalhekk jidher li l-imputat ma qalx il-verita fl-istqarrija tieghu.

L-imputat ammetta wkoll ghat-tielet imputazzjoni li huwa recidiv, liema imputazzjoni hija wkoll ippruvata bid-diversi sentenzi ezebiti mill-prosekuzzjoni. Fil-fatt huwa recidiv plurimu, u invista tal-fedina penali raffrettarja tieghu, l-Qorti tqis li huwa gust li l-piena ghandha tizdied bi grad.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena tat-Tieni Imputazzjoni**

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat ammetta – u gie ppruvat - li ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta’ Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, diversament presjeduta, datata 15 t’Ottubru 2009, liema sentenza hija definittiva u ma’ tistax tigi mibdula.

L-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta jippreskrivi illi:

*“(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta’ htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta’ probation jew matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

(a) *jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*

(b) *jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti ghandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tingieb quddiemha, u meta tingieb prova ghas-sodisfazzjon taghha tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa llum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446.[1] L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: *"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma' jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma' titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."*[2] (sottolinear dik il-Qorti).

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili. Fil-kaz odjern, l-Ordni ta' Probation giet imposta fuq l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: *"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –*
*(a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*
*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-qorti."*

[2] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Callus** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.

Bis-sentenza tal-15 t'Ottubru 2009, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq imsemmija, kienet poggiet lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal sena, wara li fuq ammissjoni tieghu stess, huwa nstab hati ta' ricettazzjoni ta' *mobile phone* u li kien recidiv. Mill-istqarrija tal-imputat stess f'dawk il-proceduri jirrizulta li l-*mobile phone* kien xtrah minghand terzi ghall-prezz ta' LM150 (ekwivalenti ghal cirka € 349.41).

Din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, li taghhom kien instab hati fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[3] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[4] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, il-piena minima hija dik ta' piena karcerarja effettiva ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Fil-fissazzjoni tat-terminu ta' din il-piena karcerarja, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawk il-proceduri.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottomettiet li din il-Qorti m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva. Dan jista' biss ifisser li skont id-difiza din il-Qorti ghandha taghti piena taht il-minimu preskritta mil-ligi meta teroga l-piena ghal ksur tal-ordni ta' probation. Mix-xhieda ta' Lucianne Psaila, li hija *social worker* fi hdan l-Agenzija Appogg gewwa s-settur ta' *Child Protection*, jirrizulta li l-imputat qed jiehu hsieb wahdu lit-tlett uliedu, li huma tewmin ta' tlett snin u tifel ta' sitt snin. Biex ikun jista' jaghmel dan, huwa waqaf jahdem. Din is-*social worker* ilha ssegwi t-tfal tal-

---

[3] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*

L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[4] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*

*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*

*Probation."*

imputat minn Novembru 2012, u xehdet fis-seduta tal-21 ta' Frar 2014. Hija xehdet hekk: *"Ghal bidu kienu hemm concerns fuq it-tfal ... ... ta' traskuragni min-naha ta' Robert is-sinjur Pirrone, pero mill-professjonijisti li qed jahdmu mal-familja wkoll nistghu nghidu li llum il-gurnata s-sitwazzjoni trangat hafna, jigifieri, it-tfal qeghdin jattendu l-iskola, qed ikunu ndaf, qed ikollhom lunch."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar sena u nofs qed jaghmel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu u jrabbi lill-uliedu, prattikament wahdu, billi t-tfal iqattghu il-gimgha mieghu u l-weekend biss ma ommhom. Il-Qorti, wara li irrflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun taht *il-minimum* stabbilit mil-ligi, u stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a) it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101, r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tlett (3) xhur priginerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' *probation* tal-15 t'Ottubru 2009

[5] *Per Prim Imhallef Vincent* De Gaetano

maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' *probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 334, 279(a) 49, 50 u 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Robert Pirrone ghal prigunerija ghal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta..

Ghaldaqstant, l-imputat huwa kkundannat ghal perjodu globali ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------